# IT-TOROK FIL-KASTELL

## I.

*Max-xefaq ħamrani*
*Ta' għodwa li ssaħħar*
*Hemm qiegħed ibaħħar*
*Il-Għadu għassies;*

*U meta fix-xtajta*
*Kien dèher kollox sewwa*
*Reħielha għal ġewwa*
*Bħex jaħbat għan-nies.*

*L-aħbar ġriet ma' Għawdex*
*Li l-Għadu qarrieqi*
*Kien qiegħed fl-egħlieqi*
*Ta' wara l-Kastell.*

*U qamu r-raħħala*
*U telqu għamarhom*
*Bl-imgħażaq fuq dah'rhom*
*Qalb biki w irvell.*

*Il-qniepen idoqqu;*
*In-nisa, mbikkija*
*Għax din il-kefrija*
*Issarraf id-demm,*

*Inġabru ġo djarhom*
*Bi kbira qlubija*
*Jitolbu 'l Marija:*
*"Eħlisna mill-hemm."*

## II.

*Mexjin bl-għodda fuq dah'rhom,*
*Mexjin bil-pass meqjus,*
*Deħlin għal ġo l-egħlieqi*
*Taħt l-għolja ta' Gelmus.*

*Kif lemħu lill-egħdewwa*
*Għal fuqhom ħarbu sħiħ*
*U bdew jitqabdu magħhom*
*Bla xaba' w bla mistrieħ.*

*Inqutgħu sew l-Ibirba,*
*Iżda minn fuq dawn ġew*
*Għax kienu kotranija*
*U l-għodod kellhom sew.*

*Il-ġlieda kienet ħarxa*
*U għad li rebbiħin*
*Fuq sieqи ħadd ma tela'*
*Min daq idejn l-Għawdxin.*

*Mejtin kien hemm bil-bosta*
*Sew Torok kemm Għawdxin*
*'Ma fil-Kastell, it-Torok*
*Sa fl-aħħar bdew deħlin.*

*Kif daħlu minn ġot-trejqa*
*Laqgħuhom sew ir-rhieb*
*U riedu li jżommuhom*
*'Il bogħod jew barra l-bieb.*

## III.

*It-Torok daħlu.*
*Min qam, min miet*
*Kulħadd bix-xwabel*
*U l-ġlieda bdiet.*

*Ir-rhieb qalbiena*
*Laqgħuhom sħiħ;*
*B'sidirhom mimli*
*Jifirdu r-riħ,*

*Għamlu li setgħu*
*Iżda għal xejn*
*Għax għal kull wieħed*
*Kien hemm fuq tnejn.*

*Sew ħdejn it-trejqa*
*Kien hemm suldat*
*Jismu Bernardo*
*Kollu armat.*

*Bil-bosta darab,*
*Bil-bosta ltwew*
*Tqawgħġu ħdejn sħabhom*
*U jmutu bdew.*

*Hemmhekk l-Ibirba*
*Riedu jaqbduh;*
*Daru madwaru*
*Sabiex joqtluh*

*Wieħed mit-Torok*
*Dlonk resaq ħdejh*
*B'daqqa ta' xabla*
*Ferieh f'idejh.*

*Meta Bernardo*
*Ra f'idu d-demm*
*Ħaseb kif jagħmel*
*Jitlaq minn hemm.*

*Wasal ħdejn martu*
*Li ħarġet ħdejh*
*Bit-tfal ma' djulha*
*Waqgħet f'idejh.*

*Silet ix-xabla*
*Għalaq għajnejh*
*Hu stess qatilhom*
*Miet u f'idejh.*

IV

*Beka u qalilhom:*
*"Infidtkom jien......*
*Dalwaqt ninqered*
*Ħafna għajjien......*

*Jiena ħabbejtkom*
*Issa mistrieħ........."*
*Waslu it-Torok*
*Daru għalih.*

*Kif kien qed jhewden*
*Dawna qabduh*
*B'daqqa ta' xabla*
*Malajr nifduh.*

*It-Torok ferħu*
*Għax rebbiħin,*
*Iżda sew għarfu*
*X'kienu l-Għawdxin.*

9/7/1949.

LINO GERMAN.

~~X'JISWA !~~

~~*X'jiswa li b'fehma,*~~
~~*b'qalb tal-azzar*~~
~~*u b'kelma sħiħa*~~
~~*daqs ta' l-iswar*~~
~~*'Kk jkollok sendqa*~~
~~*bil-flus mimlija,*~~
~~*illi qatt minnha*~~
~~*b'fehma qawwija*~~
~~*Ma tonfoqx ħabba*~~
~~*meta jenħtieġ?*~~
~~*Flok deheb sata'*~~
~~*kien fiha żġieġ.*~~

~~*R.M.B.*~~